# Il-Ħadd 06.09.2020

1. Infakkar li x-xahar ta' Settembru sal-4 ta' Ottubru - Festa ta' San Franġisk, skont ix-xewqa tal-Papa Franġisku, huwa ddedikat il-Ħarsien tal-Ħolqien. Għalhekk tajjeb li nieħdu sehem f'diversi inizzjativi - kemm fuq livell personali u kemm fuq dak soċjali - li jqajmu aktar kuxjenza dwar il-ħarisen tal-ambjent.

2. It-Tnejn 07/09:
   - Fil-5:00pm - Laqgħa tal-Adolexxenti li ser jagħmlu l-Griżma mal-Kappillan fil-Knisja Parrokkjali.

3. Tlieta 08/09, **Solennità tat-Twelid tal-Madonna - Il-Bambina.**
   - Tajjeb li nieħdu sehem fil-quddiesa, li tkun fl-istess ħinijiet ta' matul il-ġimgħa.

4. L-Erbgħa 09/09:
   - Mill-5:00pm sas-6:00pm - Qrar għall-Adolexxenti li ser jagħmlu l-Griżma fil-Knisja Parrokkjali.

5. Il-Ġimgħa 10/09:
   - Mill-5:00pm sas-6:00pm - Rehearsal u l-aħħar preparamenti għall-Griżma fil-Knisja Parrokkjali.

6. Is-Sibt 12/09:
   - Fl-4:30pm - Laqgħa tal-Abbatini.
   - Fil-5:00pm - Qrar għall-Ġenituri, parrini u dawk involuti fil-Griżma.

7. Il-Ħadd 13/09, ***Jum il-Griżma tal-Isqof***:
   *Nifirħu lil dawk li ser jirċievu dan is-Sagrament: 16 subien u 7 bniet.*
   - Fid-9:00am - Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tal-Griżma - Grupp 1.
   - Fl-10:30am - Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tal-Griżma - Grupp 2.
     *Infakkar li dak in-nhar jistgħu jattendu biss il-familja u xi qraba.*

8. Matul il-ġimgħa tal-festa ġbarna:
   - € 180 mill-ġbir li sar f'Jum il-Festa;
   - € 280 mill-ġabra li saret fil-quddiesa ta' filgħaxija ta' Jum il-Festa
   - € 380 bħala donazzjonijiet mill-envelopes b'risq il-Festa,
     li hekk b'mod totali laħaq is-somma ta' € 3,528;
   - € 340 mill-Bukkett li ma jinxifx għall-proġetti ta' restawr;
   - € 292 mill-Lotterija tal-Inkwadru ta' San Pawl;
   - € 70 bħala donazzjoni b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.

   Grazzi mill-qalb u prosit lil kulħadd biex il-Festa nkunu nistgħu niċċelebrawha bil-mod ridott kif stajna.
   Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**, illum jgħoddu bħala ġabra speċjali b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.